MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Alfred Vella iben Annunziato,
imwieled Tarxien fl-24 ta'
novembru, 1953

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat li f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti anki jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –

1. talli fid-9 ta' diċembru, 2003 u fix-xhur ta' qabel, f'Santa Lucia, f'Raħal Ġdid u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi waħħal sett ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz, bin-numru KAL 935, kif ukoll waħħal

liċenzja tal-windscreen, bin-numru ‘C532774’, fuq vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf);
2. talli fl-istess żmien lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni KAL 935, kif ukoll waħħal liċenzja tal-windscreen bin-numru ‘C532774’ fuq vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf);
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi waħħal pjanċa tan-numru tac-chassis falza li jġib in-numru ‘BBAFJE68375’ fuq vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf), kif ukoll waħħal magna bin-numru ‘JE68375’ li hi oriġinarjament ta’ vettura oħra;
4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal pjanċa tan-numru tac-chassis falza li ġġib in-numru ‘BBAFJE68375’ fuq vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf), kif ukoll waħħal magna bin-numru ‘JE68375’ li hi oriġinarjament ta’ vettura oħra;
5. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi saq vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf) bin-numri tar-reġistrazzjoni KAL 935, li jappartjenu lill-vettura oħra, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni għar-riskji ta’ terzi persuni, u talli naqas li fi żmien seba’ tijiem jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubblliku dwar xiri ta’ vettura tal-għamla Ford Escort MK1 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 17, 18, 21, 26, 31 u 91 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128 ta' l-1994) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' erba' mitt liri maltin (Lm400).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------